**REĠJUN TRAMUNTANA**
**112, Triq Ġulju,Bugibba San Pawl il-Baħar,SPB 2617**
**Email:** regjun-tramuntana.dlg@gov.mt **Tel:**+35621572770

**Laqgħa Reġjonali Nru. 17 ta' 2025, miżmuma nhar il-Ġimgħa,**

**24 ta' Jannar 2025, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv ta' Reġjun Tramuntana.**

Membri Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| • Clifford Galea Vella | | President |
| • Angelo Micallef | Ħal Balzan | Viċi President |
| • Paul Vella | Mġarr | Membru |
| • Dale Hayman | Mtarfa | Membru |
| • Christopher Deguara | Naxxar | Membru |
| • Gabriel Micallef | Mellieħa | Membru |
| • Ċensu Galea | San Pawl il-Baħar | Membru |
| • Stefan Cordina | Ħ'Attard | Membru |
| • Aiken Zerafa | Mosta | Delegat |
| • Norbert Dalli | San Ġwann | Delegat |

| | |
|---|---|
| • Bjorn Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

# AĠENDA


**1.** Ittri ta' Apoloġija
**2.** Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa Nru.16
**3.** Komunikazzjoni u Korrispondenza mill-President
**4.** Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera
**5.** Aġġornamenti u diskussjoni;
5.1 Local Development Funds - Ta’ Qali Indoor Pool
5.2 Kuntratt ta’ Ingaġġ – Maniġer tal-iskart
5.3 Malta Pool Association – Eight Pool European Championships Frar 2025
5.4 Komunita Kommedia
5.5 Titjib fl-infrastruttura u s-servizz ta' appoġġ fl-IT
5.6 Servizz ta’ Accountant u servizzi oħra
**6.** Preżentazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju għar-Raba’ Kwart tas-Sena 2024
**7.** Financial Statement 2024
**8.** Business Plan 2025 – 2029 (Abbozz)
**9.** Annual Budget for Financial Year 2025
**10.** Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ Pagamenti
**11.** Aġġornament


Il-laqgħa nfetħet mill-President Clifford Galea fil-ħamsa u nofs (17.30) ta’ filgħaxija.

**1. Ittri ta’ Apoloġija**

Ma kien hemm l-ebda’ ittri ta’ apoloġija. Il-membri kollha kienu preżenti

**2. Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa Nru.16**

Il-President ippreżenta l-minuti tal-laqgħa numru 16 hekk kif miktuba mis-Segretarju Eżekuttiv.

Fuq proponiment tas-Sindku Paul Vella, issekondat mill-Kunsillier Norbert Dalli, kien hemm qbil unanimu u l-minuti ġew approvati hekk kif preżentati.

3. **Komunikazzjoni u Korrispondenza mill-President**

**3.1 Laqgħa Ġenerali Annwali**

Il-President informa li l-Laqgħa Ġenerali Annwali hija skedata li ssir fl-aħħar ġimgħa ta’ Marzu 2025. Kien hemm qbil li l-Laqgħa Ġenerali Annwali ser issir nhar il-Ġimgħa, 28 ta’ Marzu 2025.

**3.2 Pubblikazzjoni tat-tieni ktieb – Colours of the North**

Wara riċerka li saret, ġie konkluż li l-ewwel pubblikazzjoni tal-ktieb Colours of the North swiet madwar €41,000. Sabiex ikun hemm kontroll aħjar u biex ir-Reġjun josserva l-aħjar prattiċi ta' akkwist pubbliku, is-Segretarju Eżekuttiv u l-President iltaqgħu mal-awtur, Natalino Fenech, biex jiddiskutu t-tieni edizzjoni tal-ktieb.

Id-diskussjonijiet iffokaw fuq l-aġġornamenti dwar il-lokalitajiet eżistenti kif ukoll informazzjoni dwar il-lokalitajiet il-ġodda li se jiġu introdotti f'din l-edizzjoni. Id-data għall-pubblikazzjoni tat-tieni edizzjoni hija lejn tmiem l-2025.

**3.3 Aġġornament dwar il-każ tal-Ombudsman**

B'referenza għas-suġġett diskuss fil-Laqgħa Nru. 12, Punt 4.7, is-Segretarju Eżekuttiv u l-President, flimkien ma' Dr. David Bonello, kellhom laqgħa ma' rappreżentant tal-Uffiċċju tal-Ombudsman.

Matul il-laqgħa, l-Uffiċċju tal-Ombudsman talab rapport mingħand ir-Reġjun, li ġie ppreparat u mibgħut mis-Segretarju Eżekuttiv skont it-talba. Ir-Reġjun issa qed jistenna risposta mill-Uffiċċju tal-Ombudsman.

**3.4 Aġġornament - Sitwazzjoni finanzjarja tal-ġbir tal-iskart**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta lill-membri tal-Kunsill aġġornament dwar is-sitwazzjoni finanzjarja tal-ġbir tal-iskart għal kull Kunsill rispettiv. L-aġġornament inkluda ħarsa lejn dak li diġà ġie mħallas u dak li għadu dovut mill-Kunsilli Lokali lir-Reġjun.

Is-Segretarju Eżekuttiv enfasizza wkoll li sab xi anomaliji fil-kontijiet ta' WasteServ, li issa ġew irrifonduti minn WasteServ innifisha.

**3.5 European Week of the Regions and Cities 2025**

Il-President informa li r-Reġjun qiegħed jistenna l-pubblikazzjoni tad-dati tal-European Week of the Regions and Cities 2025, sabiex ikunu jistgħu jiġu bbukkjati l-biljetti tal-ajru bl-aħjar rati disponibbli. Dawn l-attivitajiet normalment isiru bejn l-ewwel u t-tieni ġimgħa ta' Ottubru.

Il-President talab lill-membri eletti u lis-Segretarji Eżekuttivi rispettivi biex jinformaw dwar min hu interessat jipparteċipa u jibagħtu l-ismijiet tagħhom.

Huwa spjega wkoll li se tiġi adottata l-istess sistema użata fl-2024, fejn id-delegati jieħdu ħsieb u jħallsu għall-biljetti tal-ajru tagħhom, u mbagħad jiġu rimborsati. Ir-Reġjun se jieħu ħsieb l-alloġġament tad-delegati kif ukoll it-trasport bejn l-ajruport u l-lokazzjonijiet meħtieġa. Ġie miftiehem li ser ikun hemm l-opportunita li s-Sindku u delegat ta' kull lokalita jattendu jew żewġ delegati assenjati mis-Sindku.

**3.6 Construction of Fair Stalls**

Ir-Reġjun ġie mitlub mill-Kunsill Lokali tal-Imtarfa biex jgħin fil-kostruzzjoni ta' bankarelli għall-fiera. Peress li hemm kwantità sinifikanti ta' njam fil-garaxx, ġie deċiż li dan l-injam jintuża b'mod utli għal dan il-proġett. Għaldaqstant, ir-Reġjun ser jipprovdi l-injam meħtieġ għall-kostruzzjoni ta' madwar ħames bankarelli. Ix-xogħol tal-idejn ser isir kollu mill-ħaddiema tal-Kunsill tal-Imtarfa.

Dawn il-bankarelli ser jinżammu fil-garaxx tar-Reġjun u ser ikunu disponibbli għall-użu mill-Kunsilli rispettivi tar-Reġjun, iżda l-ewwel preferenza ser tingħata lill-Kunsill Lokali tal-Imtarfa f'każ ta' kunflitt fid-dati.

**3.7 Podcasts**

Il-President informa li ntbagħtet talba għal kwotazzjonijiet sabiex jinstab studio adattat għal podcasts. Sar ftehim mal-Prof. Azzopardi, li ħejja s-Social Impact Assesment, biex flimkien miegħu titwettaq sensiela ta' għaxar episodji.

Ser tingħata aktar informazzjoni aktar 'il quddiem, peress li tixtieq tintlaħaq parteċipazzjoni mill-membri interessati. L-attendenza għal kull episodju mistennija tkun ta' tlieta jew erba' persuni. Għadu jrid jiġi diskuss is-suġġetti li ser jiġu trattati u elaborati waqt dawn l-episodji.

Jista' jkun il-każ li jsir ir-recording ta' aktar minn episodju wieħed f'ġurnata. L-għan huwa li jiġu esplorati aspetti differenti, lokalitajiet partikolari, jew temi speċifiċi, bħalma huma l-iskart jew suġġetti oħra relatati.

**3.8 Proposal of 3D Models - Mudell Tal-Ghaqba Windmill (Laqgħa 15/2024 punt 3.12)**

B'referenza għall-minuti ta' laqgħa numru 15 tal-2024, punt 3.12, fejn ġie nfurmat li ser tinġabar aktar informazzjoni dwar mudelli żgħar 3D, fosthom il-mudell tal-Mitħna tal-Għaqba fin-Naxxar u oħrajn, ġiet mgħoddija lill-attenzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv l-ispiża relatata ma' dawn il-mudelli.

Wara li ġie determinat li l-ispiża hija konsiderevolment għolja, ir-Reġjun mhux ser jidħol għal dawn l-ispejjeż bħalissa. Madankollu, jista' jkun li dan il-proġett jiġi inkluż bħala parti mill-avveniment tal-Laqgħa Ġenerali Annwali li jmiss. Kien hemm qbil li ssir laqgħa mas-sur Scicluna sabiex jinbidlu ċertu lokazzjonijiet u fuq proponiment tal-Viċi President Dot. Angelo Micallef issekondata mis-Sindku Gabriel Micallef, kien hemm qbil li ssir din il-laqgħa.

**3.9 Assoċjazzjoni Kubo Eventi – Ġemellaġġ Sportiv Malta/Italia 2025**

B'referenza għall-avveniment sportiv imsemmi fil-Laqgħa preċedenti numru 16 tal-2024, punt 3.1, nixtiequ ninfurmaw lill-membri li l-attivitajiet sportivi bejn atleti amatorjali f'San Vito Lo Capo fl-Italja ser isiru bejn il-11 u il-15 ta' April, filwaqt li l-attivitajiet f'Malta ser isiru bejn it-2 u s-6 ta' Mejju 2025.

Ir-Reġjun ser ikun qiegħed jipprovdi appoġġ logistiku u jkopri l-ispejjeż tal-parteċipanti Maltin waqt l-avvenimenti li ser isiru f'Malta.

Il-membri ġew imħeġġa biex jinformaw kwalunkwe għaqdiet sportivi f'dixxiplini differenti fil-lokalitajiet tagħhom sabiex jikkunsidraw il-parteċipazzjoni f'dawn l-avvenimenti.

**3.10 Bnadar u kruċetti – Reġjun Tramuntana**

Wara li saret verifika ta' liema każini għadhom mingħajr l-istandarti li kienu mwiegħda, inġabret stima oħra sabiex jitlestew u jiġu mogħtija lill-każini rispettivi. Din l-ispiża ser tammonta għal madwar €3000. Fuq proponiment tas-Sindku Dot. Christopher Deguara, issekondata mill-Viċi President Dot. Angelo Micallef kien hemm qbil unanimu li dawn isiru. Waqt id-diskussjoni, is-Segretarju Eżekuttiv wera lill-membri id-differenza fil-kwalita tad-drapp li ser jintuża issa, li huwa ferm aktar professjonali.

**3.11 Servizz tat-tindif tal-Uffiċċju Amministrattiv tar-Reġjun u tat-Tribunal**

Wara li saret sejħa għal kwotazzjonijiet li ma jidhirx li qatt kienet saret qabel, intgħazel kuntrattur għat-tindif tal-Uffiċċju Amministrattiv tar-Reġjun kif ukoll tat-Tribunal, bid-dokumentazzjoni kollha meħtieġa. Huwa stmat li hu madwar 25% inqas mis-servizz preċedenti. Il-Kunsillier Aiken Zerafa u s-Sindku Paul Vella ssuġġerew li dan is-servizz jibbenifikaw minnu wkoll il-Kunsilli. Kien hemm qbil li ser naraw kif immorru u jekk is-servizz ikun sodisfaċenti, id-dettalji jiġu mgħoddija ukoll lill-Kunsilli Lokali.

**3.12 Proposta - Edessa's Choir "The Waterfall Echo"**

Il-President informa lill-membri li s-Sinjura Marcon Borg Caruana għaddiet talba biex ir-Reġjun joffri appoġġ għall-organizzazzjoni ta’ kunċert mill-kor imħallat The Waterfall Echo minn Edessa, il-Greċja, waqt iż-żjara tagħhom f’Malta f’Mejju 2025.

Il-kor, taħt id-direzzjoni ta’ Sotirios Dragoumis, jixtieq jagħti żewġ kunċerti fit-2 u t-3 ta’ Mejju 2025. Il-membri tal-kor se jkopru l-ispejjeż kollha tal-ivvjaġġar u l-akkomodazzjoni tagħhom, iżda qed jitolbu għajnuna biex jinstabu postijiet xierqa għall-kunċerti u għat-tiswir tal-loġistika meħtieġa.

**3.12 Ringrazzjamenti għall-għotja ta’ għajnuna**

Il-President informa lill-membri b’diversi ringrazzjamenti li r-Reġjun irċieva għall-għajnuna li ngħatat, fosthom food hampers għal familji fil-bżonn kif ukoll għall-għajnuna li ngħatat lill-Parroċċa tal-Mosta għall-festa tal-Milied.

**3.13 Office Etiquette Training for Regjun Tramuntana Staff**

Il-President informa lill-membri li r-Reġjun Tramuntana rċieva proposta mingħand First Class Etiquette biex jipprovdu programm ta’ taħriġ personalizzat fuq Eċċellenza fis-Servizz lill-Klijent/Exceptional Customer Service.

Il-programm huwa twil total ta’ 7 siegħat, maqsum f’żewġ sessjonijiet ta’ tliet siegħat u nofs kull waħda, u jista’ jsir fl-Uffiċċji tar-Reġjun Tramuntana. It-tariffa għall-programm hija ta’ €1,300 mingħajr VAT għal massimu ta’ 15-il persuna.

Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġerixxa li dan il-programm jiġi offrut mhux biss lill-impjegati tar-Reġjun Tramuntana iżda wkoll lill-impjegati tal-Kunsilli lokali rispettivi.

Fuq proponiment tas-sindku Paul Vella issekondata mis-Sindku Dale Hayman kien hemm qbil li dan il-kors iseħħ.

**3.14 Bird Nest Building Activity, Kennedy Grove u Clean-Up - Il-Bajja Tat-Torri l-Abjad, Mellieħa**

Il-President informa lill-membri li se jkun hemm attività mal-Iskola San Anton (Żebbiegħ) ta' bini ta' *Bird Nest Boxes* ma' tfal ta' 4/5 snin nhar il-Ħamis 30 ta' Jannar 2025 ġewwa l-ġnien ta’ Kennedy Grove u avveniment ta' tindif ħdejn It-Torri l-Abjad fil-Mellieħa nhar il-Ġimgħa 04 ta' April 2025. Il-membri ġew imħeġġa biex jinvolvu il-kommunitajiet jgħaddu aktar proposti ta’ dan it-tip sabiex ikun jista’ jgħin ir-Reġjun kif jista.

**4. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Is-Sindku Perit Ċensu Galea staqsa għal aġġornament dwar il-ġbir tal-iskart. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ser issir komunikazzjoni mad-Dipartiment tal-Kuntratti minħabba l-fatt li r-Reġjuni qed jiġu mpeduti milli jkollhom kuntatt dirett mal-kuntrattur dwar il-penali. Huwa informa wkoll li l-Maniġer tal-Iskart qed ikun preżenti fuq ir-rottot flimkien mal-kolletturi, kif ukoll li kull lokalità qed tiġi miġbura individwalment, u twaqqfu l-*combined collections*.

Is-Sindku Paul Vella informa li huwa qed iħallas spejjeż żejda għall-kollezzjoni tal-skips. Hawnhekk, Is-Segretarju Eżekuttiv iċċara li dan m'għandux iseħħ għax il-kuntrattur diġà qed jitħallas għal dan is-servizz.

Is-Segretarju Eżekuttiv żied jgħid li sa minn meta l-Maniġer tal-Iskart beda jakkumpanja l-kolletturi, diġà hemm differenza viżibbli fit-tunnellaġġ tal-iskart miġbur mill-skips. Il-Perit Ċensu Galea rrimarka wkoll li, minkejja li staqsa lill-kuntrattur dwar ir-rottot tas-sitt vetturi allokati għal San Pawl il-Baħar, xahar u nofs wara għadu ma rċieva l-ebda risposta. Is-Segretarju Eżekuttiv kompla jgħid li lanqas it-tagħmir ta' GPRS u camera footage, minkejja ħafna pressjoni, għadu ma ġiex installat.

Il-President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, Mario Fava, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, Lianne Cassar, ingħaqdu mal-membri għall-kumplament tal-laqgħa.

Il-Kunsillier Aiken Zerafa staqsa jekk hux possibbli li l-ġabra ssir filgħaxija. Il-President talab il-permess tal-membri biex is-Sur Fava jitkellem waqt il-laqgħa, u wara qbil ġenerali, is-Sur Fava wieġeb li, minkejja li l-AKL kienu favur li l-ġbir isir filgħaxija, il-ħinijiet miftiehma fit-tender kienu diġà ġew diskussi u maqbula mis-Sindki.

Il-Viċi President, Dr. Angelo Micallef, informa li ġie avviċinat minn GreenPak biex jiġi ffirmat il-ftehim tal-IBINS. Huwa bagħat lil GreenPak l-agreement propost mis-Segretarju Eżekuttiv, iżda dawn wieġbu li dan l-arranġament mhuwiex se jiġi aċċettat. Is-Sindku Stefan Cordina qabel li hu mhux se jiffirma l-ebda kuntratt qabel ma jsir arranġament dwar it-tindif. Il-Viċi President, Dr. Angelo Micallef, ippropona li r-Reġjun jitkellem ma' GreenPak f'isem il-Kunsilli rispettivi sabiex jintlaħaq kompromess u jsir arranġament xieraq għall-partijiet kollha.

Is-Segretarju Eżekuttiv ser jippreżenta aġġornament dwar dan fil-laqgħa li jmiss.

**5. Aġġornamenti u diskussjoni**

**5.1 Local Development Funds – Neptunes WS – Ta' Qali indoor Pool;**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa li r-Reġjun ġie mistieden biex jagħti l-approvazzjoni tiegħu favur it-titjib tal-faċilitajiet tal-pixxina indoor ta' Ta' Qali. L-ispiża ta' dan il-proġett ġiet stmata għal madwar nofs miljun ewro.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li waqt diskussjoni permezz ta' *emails*, huwa ssuġġerixxa li, jekk il-membri jaqblu li jingħata l-approvazzjoni, il-komunitajiet tal-Active Ageing fir-Reġjun tagħna jkollhom aċċess għall-faċilitajiet mill-inqas darba fil-ġimgħa. Barra minn hekk, huwa ppropona li l-istaff u l-membri eletti jingħataw *membership* b'xejn biex ikunu jistgħu jużaw il-faċilità. Is-Sindku Perit Ċensu Galea staqsa sabiex issir verifika rigward il-fondi għall-iżvilupp lokali li ser jiġu allokati għal dan il-proġett, speċjalment l-allokazzjoni li taqa' taħt l-isem ta' San Pawl il-Baħar. Is-Segretarju ser jivverifika l-informazjoni li ġiet mitluba u dan is-suġġett ser jerġa jitella fil-laqgħa li jmiss għal aktar diskussjoni.

### 5.2 Kuntratt ta’ Ingaġġ – Maniġer tal-iskart

Għal parti kbira tas-sena 2024, kien hemm sensiela twila ħafna ta’ emails bejn diversi partijiet, fosthom is-Sur Baderinwa, innifsu, is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Tramuntana ta’ dak iż-żmiem, JobsPlus, fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, Diviżjoni tal-Gvern Lokali, biex tiġi kjarifikata l-pożizzjoni tal-impjieg ta’ Mr. Baderinwa. Hekk kif inħatar is-Segretarju Eżekuttiv il-ġdid, ġie afdat bil-kompitu li jirrevedi l-każ u jagħti l-kummenti tiegħu biex jipprova jsolvi din il-kwistjoni. Fid-19 ta’ Settembru 2024, wara li pprova jsegwi x’kien sar u eżamina diversi sejħiet għall-applikazzjonijiet, huwa kiteb hekk “Bħala s-Segretarju Eżekuttiv il-ġdid, għamilt reviżjoni preliminari dwar il-kwistjoni relatata mal-kuntratt tas-Sur Aderemi Baderinwa. Nifhem li din hija materja sensittiva, u l-għan tiegħi huwa li nindirizzaha b’rispett u ġustizzja. Is-Sur Baderinwa, li jokkupa l-kariga ta’ Maniġer Reġjonali tal-Koordinazzjoni tal-Iskart, għandu kuntratt li jiskadi fid-4 ta’ Diċembru 2025. Huwa magħruf li s-Sur Baderinwa twieled fil-30 ta’ Awwissu 1957, u għalhekk għandu 67 sena. L-età tal-irtirar tiegħu hija ta’ 63 sena, fatt li kien magħruf meta ġie ffirmat il-kuntratt tiegħu meta kellu 64 sena. Sa fejn naf jien, is-Sur Baderinwa ġie reklutat permezz ta’ sejħa pubblika maħruġa mid-Diviżjoni.

Skont il-'Manual on Resourcing Policies and Procedures' (taqsima 1.13.6), persuni rtirati mhumiex eliġibbli biex japplikaw għal sejħiet regolari. Din il-kundizzjoni ma ġietx ikkunsidrata jew mistoqsija waqt il-proċess tal-vettura tal-kandidatura tas-Sur Baderinwa. Dan jinkludi intervisti ta’ screening multipliċi, anke għaliex is-Sur Baderinwa applika għal diversi pożizzjonijiet maniġerjali, f’diversi reġjuni. Barra minn hekk, din il-kwistjoni ma ġietx indirizzata waqt il-proċess ta’ reklutaġġ sussegwenti ftit wara li ġie ffirmat il-kuntratt.

Fid-dawl tal-fatti msemmija hawn fuq u billi jiġu kkunsidrati l-implikazzjonijiet potenzjali li jista’ jkollha jekk din il-materja ma tiġix indirizzata b’mod xieraq, nissuġġerixxu l-passi li ġejjin:

a) Jiġi approvat it-tkomplija tal-kuntratt tas-Sur Baderinwa sal-iskadenza tiegħu fl-4 ta’ Diċembru 2025;

b) Id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali (li ħarġet is-sejħa pubblika kif indikaw emails datati 22/08/2022) jew il-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali għandhom jinfurmaw uffiċjalment lis-Sur Baderinwa li m’hemm l-ebda intenzjoni li jiġġedded il-kuntratt tiegħu wara d-data tal-iskadenza indikata, minħabba l-linji gwida stipulati fil-'Manual on Resourcing Policies and Procedures'. Dan se jippermetti lis-Sur Baderinwa żmien suffiċjenti biex jagħmel l-arranġamenti meħtieġa għall-irtirar tiegħu.

Fuq Proponiment tas-Sindku Paul Vella ssekondata mis-Sindku Stefan Cordina, kien hemm qbil dwar din id-deċiżjoni.

### 5.3 Malta Pool Association – Eight Pool European Championships Frar 2025

Il-President informa li, bħala parti mill-funzjonijiet tal-Kunsill Reġjonali li jinkoraġġixxi avvenimenti sportivi, dan it-tournament ser jattira aktar minn 600 parteċipant u jipprovdi exposure kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll internazzjonali.

Ir-Reġjun ġie mitlub jagħti l-għajnuna tiegħu, u filwaqt li fi snin preċedenti kienet tingħata għajnuna ta’ €500 mingħajr ir-Reġjun ma kien jidher b’mod prominenti, din id-darba qed tiġi proposta sponsorizzazzjoni tal-uniformijiet tal-atleti Maltin, li tammonta għal valur ta’ €4,500. Din il-kontribuzzjoni ser tiżgura li tingħata l-għajnuna meħtieġa għal dan it-tournament

prestiġjuż, filwaqt li r-Reġjun jidher b'mod prominenti kemm barra minn Malta kif ukoll fuq TVM Sports b'kopertura kontinwa matul l-avveniment kollu, li ser isir bejn it-8 u l-14 ta' Frar 2025.

Barra minn hekk, ġie propost li kemm il-President tar-Reġjun kif ukoll is-Sindku ta' San Pawl il-Baħar jagħmlu diskors waqt il-ftuħ tal-avveniment jew waqt iċ-ċerimonja tal-għotja tat-tazzi, skont ir-regoli tal-avveniment. Ser jiġi wkoll ipprovdut backdrop bl-emblemi kollha tal-Kunsilli, li ser ikun espost fil-lokazzjoni fejn se jsiru l-logħbiet.

Fuq proponiment tas-Sindku Perit Ċensu Galea ssekondata mis-Sindku Paul Vella din it-talba ġiet milqugħa. Kien hemm qbil unanimu.

**5.4 Komunità Kommedia**

Il-President informa li s-Sur Jeremy Grech qed jiproponi serje ta' erba' workshops fuq La Commedia dell'Arte bit-titlu Komunità Kommedia. Dawn il-workshops huma skedati bejn l-24 u s-27 ta' Frar 2025, bejn is-6:00 u t-8:00 ta' filgħaxija li ser isiru fis-sala ta' Ħ'Attard - Ċentru Papa Ġwanni Pawlu II.

Ir-Reġjun Tramuntana qed joffri dawn il-workshops b'xejn lill-membri tal-komunità, filwaqt li se jkopri l-ispiża ta' €1,160, minflok il-proposta inizjali ta' ħlas ta' €20 kull persuna. Is-Sur Grech ser jieħu ħsieb il-marketing tal-avveniment, filwaqt li r-Reġjun ser jinkoraġġixxi residenti ta' età minn 16-il sena 'l fuq biex jipparteċipaw, b'massimu ta' 30 persuna għal kull workshop.

Bħala parti minn dan l-avveniment, qed tiġi proposta wkoll it-tħejjija ta' Gran Ballo li se jsir fit-28 ta' Frar 2025, ġewwa l-Għaqda Mużikali Marija Bambina – Banda Vittorja, Naxxar. Għal dan il-ballu, qed jiġi propost li jiġi allokat baġit ta' €2,500 biex jitella' dan l-avveniment fir-Reġjun.

Il-membri eletti u l-istaff ġew mistiedna jattendu għaċ-ċerimonja tal-ftuħ tal-avveniment.

Fuq proponiment tas-Sindku Dot. Christopher Deguara ssekondata mis-Sindku Dale Hayman din it-talba ġiet milqugħa. Kien hemm qbil unanimu.

**5.5 Titjib fl-infrastruttura u s-servizz ta' appoġġ fl-IT**

Wara li saru diskussjonijiet mal-MITA, saret spezzjoni fuq il-post minn esperti fis-settur, kif ukoll awditjar tal-apparat elettroniku kemm fl-uffiċċju kif ukoll fit-Tribunal tar-Reġjun. Ingħata rapport dettaljat dwar il-bżonnijiet estensivi li jeżistu, u qed jiġi propost ftehim ta' sena, li jista' jiġġedded, biex issir it-titjib meħtieġ fl-infrastruttura tal-cabling u n-network. Barra minn hekk, qed jiġi propost ftehim ta' appoġġ għal kull ħaġa li tista' tinqala' matul it-terminu tal-ftehim. Ġie diskuss ukoll kif tali ftehim ta' appoġġ jista' jiġi estiż lill-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun għal dawk li jagħżlu li jagħmlu użu minnu.

Fuq proponiment tal-Kunsillier Norbert Dalli issekondatat mis-Sindku Paul Vella, kien hemm qbil unanimu.

**5.6 Servizz ta' Accountant u servizzi oħra**

B'referenza għal punt li ġie diskuss fil-laqgħa numru 12 punt 6.4, il-President informa li, wara li saret evalwazzjoni tal-kwotazzjonijiet li r-Reġjun irċieva, ġew magħżula s-servizzi skont il-ħtiġijiet tal-Kunsill u skont il-kriterju ta' *cheapest compliant* skont ir-regolamenti tal-*public procurement*.

Kull professjonist li ser jiġi ingaġġat ser jaħdem fuq mitejn siegħa ta’ servizz, sakemm jibdew jinħarġu t-*tenders* kif suppost. Ġie mgħarraf ukoll li l-kuntratt tal-avukat ser jinkludi wkoll ir-rwol tiegħu bħala *Data Protection Officer* għad-disa’ Kunsilli tar-Reġjun Tramuntana, u dan ser ikun imħallas mir-Reġjun Tramuntana.

Il-kwotazzjoni tas-servizz tal-accountant ser tiġi evalwata fil-jiem li ġejjin, u s-servizz ser jingħata lill-professjonist bl-aktar kwotazzjoni favorevoli *(cheapest compliant).* Intant, il-kuntratti tas-servizzi tal-avukat, tal-graphic designer, tal-kitba tat-tenders u tal-Perit diġà ġew magħżula. Importanti li jiġi nnutat li l-ebda minn dawn is-servizzi m’għandu esklussività fuq ir-Reġjun jew il-Kunsilli rispettivi.

Fuq proponiment tal-Kunsillier Norbert Dalli, sekondat mis-Sindku Paul Vella, kien hemm qbil unanimu.

Il-laqgħa twaqqfet sabiex l-accountant, Sna. Romina Perici Ferrante, tkun tista' tagħti rendikont u tagħti informazzjoni rigward iċ-ċifri fir-rapporti finanzjarji li ġejjin.

**6. Preżentazzjoni u Approvazzjoni Rapport Finanzjarju għat-tielet kwart tas-sena 2024.**

Wara diskussjoni dettaljata li saret bejn il-membri kollha mal-mejda flimkien mal-accountant (online), fuq proponiment tal- Viċi President Dot. Angelo Micallef sekondata mis-sindku Paul Vella, ir-rapport finanzjarju għat-tielet kwart tas-sena 2024 ġie approvat. Kien hemm qbil unanimu.

**7. Financial Statement 2024**

Wara diskussjoni dettaljata li saret bejn il-membri kollha mal-mejda flimkien mal-accountant (online), fuq proponiment tal- Viċi President Dot. Angelo Micallef sekondata mill-Kunsillier Norbert Dalli, il-Financial Statement 2024 ġie approvat. Kien hemm qbil unanimu.

**8. Business Plan 2025 – 2029 (Abbozz)**

Wara diskussjoni dettaljata li saret bejn il-membri kollha mal-mejda flimkien mal-accountant (online), kien hemm qbil li ċ-ċifra baġitjata għall-kumplament tal-ħames snin li ġejjin taħt il-punt ‘Project with Local Councils’ jiġi emendat u b’hekk wara approvat. Fuq proponiment tal-President Clifford Galea sekondat mill-Viċi President Dot. Angelo Micallef, il-Business Plan 2025-2029 ġie approvat hekk kif emendat. Kien hemm qbil unanimu.

**9. Budget Annwali 2025**

Wara diskussjoni dettaljata li saret bejn il-membri kollha mal-mejda flimkien mal-accountant (online), fuq proponiment tal- Viċi President Dot. Angelo Micallef sekondata mis-sindku Norbert Vella, ir-rapport amministrattiv annwali ġie approvat. Kien hemm qbil unanimu.

**10. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ Pagamenti;**

Il-President ressaq għall-approvazzjoni, l-iskeda ta’ pagamenti Numru 183 għall-perjodu ta’ bejn il-11 ta’ Diċembru 2024 u l-31 ta’ Diċembru 2024 u skeda 184 bejn l-1 ta’ Jannar 2025 u l-20 ta’ Jannar 2025. L-Iskedi msemmija ġew approvati mill-proponent is-Sindku Dale Hayman, issekondata mis-Sindku Gabriel Micallef. Il-membri qablu unanimament.

**11. Aġġornament;**

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fit-tmienja u nofs (20.30) ta’ filgħaxija. Il-membri qablu unanimament li s-seduta li jmiss ser issir nhar it-Tnejn 24 ta’ Frar 2025.

IFFIRMATA

Clifford Galea

President

IFFIRMATA

Bjorn Bonello

Segretarju Eżekuttiv

Approvati illum it-Tnejn, 24 ta’ Frar 2025